Minuti tal-24 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar il-Erbgha 2 ta' Marzu, 2011. Il-laqgha nbdiet hin 14.30pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | Carmen Vella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tat-23 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tat-23 laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

2. **Offerti PPP Road Resurfacing.**

2.1 Is-Sindku spjega illi d-Dipartiment tal-Gvern Lokali gie infurmat dwar l-*outcome* ta' din is-sejha ghall-offerti u li l-Kunsill inghata l-permess biex jinnegozja mal-kuntrattur biex ibaxxi l-prezz. Gie spjegat illi hemm il-possibilita' illi d- DLG jaghti lill-Kunsill 50% u mhux 40% tal-istima li kien ghamel il-Perit. Gie spjegat ukoll illi l-kuntrattur gie mitlub biex jaghti skont izda dan ma accettax.

2.2 Gie spjegat illi x-xoghol ta' patching li sar fl-ahhar granet sar permezz ta' materjal ta' asphalt tax-xkejjer li inghata mill-WSC.

2.3 Is-Sindku spjega illi intalbet kwotazzjoni sabiex il-Kunsill ikollu idea tax-xoghol ta' manutenzjoni mehtieg fit-toroq bit-tarmak tal-lokalita', sabiex jinzammu f'kundizzjoni tajba. L-istima intelghet ghal madwar Euro 100,000. Emanuel Muscat issuggerixxa illi x-xoghol tal-WSC ghandu jsir min naha tal-WSC. Is-Sindku spjega illi l-istima hija wahda generika biex il-Kunsill ikollu idea ta' kemm tiswa' l-hsara fit-toroq u mhux biex isir ix-xoghol kollu min naha tal-Kunsill.

2.4 Is-Sindku spjega li hemm possibilita' li l-Kunsill igib il-materjal tal-patching minn Malta permezz ta' truck fejn il-materjal ma jkunx ippakkjat fi xkejjer izda jkun *loose* u b'hekk il-prezz jorhos minn madwar €4.00 ghal €1.80 - €2.00.

## 3. Offerta Studju ghall-progett lejn villagg rurali sostenibbli – metodi u modi ta' trattament alternattivi lejn tnaqqis ta' skart, energija u ghixien.

3.1 Gie spjegat illi iltaqa' l-bord ta' evalwazzjoni mahtur apposta biex jevalwa l-offerti mitfugha u li kien kompost mill-Perit Edward Scerri, Ing. Renzo Curmi u Joseph Piscopo. Ibbazat fuq il-kriterji ghall-ghotja tal-offerta li kienu elenkati fl-istess dokument tal-offerta l-bord irrakkomanda illi l-offerta tinghata lil D Consulta Ltd. Il-Kunsill laqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord u qabel li l-offerta ghandha tinghata lil D Consulta.

## 4. Estimi Finanzjajri 2011 u Laqgha Generali Annwali.

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat kopja tal-estimi finanzjari draft ghas-sena 2011. Dawn l-estimi gew diskussi u approvati. Il-Kunsill qabel li ghandha tinzamm il-laqgha generali annwali.

## 5. Aggornament dwar progetti u xogholijiet ohra.

**5.1** Il-Kunsill iddiskuta dwar il-progett tac-Centru Civiku. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-Kunsill ghandu l-approvazzjoni tad-DLG biex ma jsirx referendum dwar self kif titlob il-ligi. Dan peress illi l-progett tnissel u kien approvat qabel ma dahlet fis-sehh din il-ligi. Gie spjegat illi sadanittant ghaddejjin il-proceduri stabbiliti mad-DLG biex jinkiseb il-permess sabiex il-Kunsill ikun jista' jissellef l-ammont ta' €105,000 mill-BOV. Is-Sindku spjega illi meta kienu gew ikkuntattjati l-banek dwar talba ghal-self ghac-centru civiku kien hemm diffikultajiet minhabba l-fatt illi l-Kunsill m'ghandux titlu fuq ic-centru civiku. Gie spjegat illi kien intervjena l-Onor. Dr Chris Said sabiex jiffacilita' il-process u li l-BOV kien offra self fuq perjodu ta' 15 il sena u minghajr garanzija fuq propjeta'. Gie spjegat illi l-Perit Edward Scerri issottometta pjanti godda lill-MEPA ghall-approvazzjoni ta' tibdil mehtieg. Il-Kunsill qabel li fil-vakanzi tal-Karnival ghandu jsir il-bini mehtieg gewwa l-btiehi tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta wkoll illi ser ikun jinhtieg illi l-ufficju amministrattiv tal-Kunsill imur f'post iehor ghal ftit zmien sakemm isiru x-xogholijiet.

5.2 Il-Kunsill qabel li ghandhom jinhargu avvizi dwar offerti/kwotazzjonijiet ghax-xoghol relatat mal-*finishing* tac-centru civiku bhal moghdija ta' dawl, tikhil, tpoggija ta' madum ecc. Il-Kunsill qabel illi l-avvizi relatati ghandhom jigu publikati wkoll fuq l-avvizi tal-Kunsill.

5.3 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-installazzjoni tal-lift fic-centru civiku minn Topserv Ltd. li ser isir permezz ta' fondi mill-iskema ta' accessibilita'. Gie spjegat illi dan irid ikun stallat fi ftit gimghat.

5.4 Dwar l-installazzjoni tal-pannelli bhala parti mill-iskema tal-energija gie spjegat illi wiehed qed jistenna li tigi stabbilita policy mill-MRA fir-rigward tal-feed in tarriff ghall-Kunsilli Lokali.

5.5 Fir-rigward ta' dan il-progett gew trattati wkoll il-kwotazzjonijiet tat-taghmir ta' kompjuter li ser ikun jifforma parti minn dan il-progett. Il-Kunsill qabel li dan it-taghmir ghandu jinxtara minghand Computertech li ta' l-ahjar offerta globali.

5.6 Il-Kunsill iddiskuta l-andament tal-progett Gharb's cultural and touristic conservation project li jaqa' taht mizura 323 tal-EAFRD. Gie spjegat illi dwar il-permess tal-MEPA tal-kappella ta' San Dimitri kien hemm zviluppi mill-ahhar laqgha fejn trid issir il-garanzija bankarja ta' €2300 kif ukoll irid jithallas l-impjegat tal-MEPA li ser ikun qed izur il-lant tax-xoghol 3 darbiet ghall hlas approssimattiv ta' €500.00 kull darba. Gie spjegat ukoll illi l-garanzija marbuta mal-permess tal-knisja taz-zejt ser tkun ta' €6500.00. Il-Kunsill qabel unanimament u approva il-hlas taz-zewg garanziji bankarji. Fir-rigward ta' dan il-progett il-Kunsill qabel ukoll li ghandha tigi ppublikata l-offerta ghall-'technical consortium'.

5.7 Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-priorita' ta' xogholijiet ta' resurfacing ta' toroq mill-Kunsill fejn kien hemm qbil li l-iktar xogholijiet ta' priorita' huma ir-resurfacing ta' Triq il-Knisja, Pjazza Zjara tal-Madonna u Triq Trux. Triq Frenc ta' l-Gharb, Pjazza Gerano u Triq il-Blata ser ikun qed isiru min naha tal-WSC.

5.8 Il-Kunsill iddiskuta il-progett ta' playing field fi Triq Tumas Cassar. Is-Sindku spjega illi fil-post tpoggew 3 viegi flakes tal-injam li nghataw minn Wasteserv.

5.9 Dwar xogholijiet tal-WSC f'Wied il-Mielah gie spjegat illi x-xoghol huwa miexi.

5.10 Il-Kunsill iddiskuta dwar it-tnehhija tal-wires tad-dawl minn mal-faccata tal-Knisja. Gie spjegat illi bhalissa Enemalta jinsabu fuq strike u ghalhekk wiehed ma jistax jakkwista stima biex isir dan ix-xoghol.

## 6. Karnival u Seher il-Punent 2011

**6.1** Il-Kunsill ikkonferma l-programm u l-ahhar dettalji dwar l-attivita' tal-Karnival li ser tinzamm il-Hamis 3 ta' Marzu, 2011. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinkrew 200 siggu u jigi misluf is-*seating* mill-lokalita' tax-Xaghra. Il-Kunsill qabel

ukoll illi Joe M. Attard ghandu jipprezenta s-serata u s-servizz tas-sound ghandu jinkera minghand Joe Louis Caruana.

6.2 Seher il-Punent 1 sa 3 ta' April, 2011 – gie spjegat il-programm propost.

6.3 Dwar il-loghba tat-tug of war gie spjegat illi hemm grupp mill-Italja interessati li jipparteċipaw u bhala Kunsill irid jipprovdilhom akkomodazzjoni, transport u ikel matul il-jiem taghhom gewwa Malta. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4 Il-Kunsill qabel li l-premju tat-tug of war ghandu jkun ta' €1200 ghar-rebbieh u €300 ghat-tieni post.

6.5 Is-Sindku spjega illi hemm il-possibilita' li jigu organizzati xi wirjiet. Spjega wkoll li hemm xi persuni interessati li jorganizzaw fiera waqt Seher il-Punent xejn ghad m'hu ikkonfermat.

6.6 Is-Sindku spjega illi intalbu kwotazzjonijiet ghal xoghol ta' stampar izda dawn ghadhom ma gewx sottomessi. Il-Kunsill qabel illi meta jigu sottomessi il-kwotazzjonijiet ghandu jahdem fuq bazi ta' l-irhas prezz. Il-Kunsill qabel illi ghandhom jitqassmu flyers ta' Seher il-Punent ic-Cirkewwa fil-weekend tal-Karnival. Il-Kunsill qabel ukoll illi flyers ta' Seher il-Punent ghandhom jintqassmu gewwa Ghawdex kollu permezz tal-Maltapost. Il-Kunsill approva l-artwork tal-flyer.

6.7 Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru xi posters sabiex jippromwovu l-attivita' tal-muturi. Il-Kunsill qabel li fuq dawn il-posters ghandu jintuza ritratt tal-grupp li ha sehem fl-attivita' ta' Seher il-Punent 2010.

6.8 Raymond Cassar issuggerixxa li l-Kunsill ghandu jorganizza kors fil-manipulazzjoni ta' makkinarju u kors fl-irhamar. Il-Kunsill qabel li qabel johrog avviz ghal dawk interessati, u li ghandu l-ewwel ikun ikkuntatjat Mario Camilleri Cauchi biex jorganizza l-kors.

6.9 Il-Kunsill iddiskuta l-attivita' ta' tqassim ta' bajd tal-ghid lit-tfal tal-lokalita' fejn gie spjegat illi l-persuna mil-lokalita' gemellata minn Comunita' Collinare Colli Tortonesi li s-sena li ghaddiet pprovdiet il-bajd tal-ghid ser terga' taghmel l-istess ghotja din is-sena wkoll. Carmen Vella issuggeriet illi l-voluntiera li jqassmu l-avvizi tal-Kunsill flimkien mal-bullettin ghandhom jinghataw bajda tal-ghid. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.10 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat kopja tal-financial statements ghas-sena li ghalqet 31 ta' Dicembru, 2010 fejn gie spjegat illi dawn huma suggetti ghal xi aggustament mill-awdituri. Dawn gew approvati.

6.11 Is-Sindku ippropona lill-Kunsill sabiex jiddiskuti l-Infiorata 2011 u dwar il-possibilita' illi l-Infiorata tinghata f'inkarigu lil xi Kumitat lokali tal-Festa. Il-Kunsill qabel illi din il-proposta ghandha tkun diskussa ma Sunrise Petshop li hu s-supplier tal-fjuri ta' l-Infiorata b'kuntratt u wara mal-Arcipriet peress li hu il-president l-kumitat tal-festa.

6.12 Is-Sindku spjega illi huwa ga tkellem mal-Arcipriet li ma jsib l-ebda oggezzjoni sabiex l-Infiorata issir bhas-snin precedenti fuq iz-zuntier tal-Knisja.

## 7. Skeda ta' pagamenti.

7.1 Il-Kunsill approva unanimament il-hlas tal-kontijiet elenkati fl-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

7.2 Il-Kunsill approva wkoll il-hlas ta' kont ta' Lawrence Attard ghall-ammont ta' €1384.40 fir-rigward ta' xoghol ta' patching.

## 8. Korrispondenza u materji ohra.

8.1 Giet trattata il-korrispondenza segwenti:

8.2 Minghand Dr. Joshua Grech ghan-nom ta' Michael u Richard Caruana fir-rigward ta' l-access ghall-propjeta' taghhom f'Wied il-Mielah fejn il-Kunsill gie mitlub sabiex isiru x-xogholijiet necessarji biex jigi ripristinat id-dritt ta' passagg taghhom. Is-Sindku spjega illi bhalma kien diskuss fil-laqgha precedenti qabel ma irceva din l-ittra, din ir-rampa saret, ghad fadal li jsir xi xoghol ta' konkos.

8.3 Mill-ECAD fejn il-Kunsill gie mitlub jibghat aktar informazzjoni dwar il-lokalita' u invit lis-Sindku ghall-konferenza tas-Sindki gewwa Varna.

8.4 Mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika fir-rigward ta' pubblikazzjoni tas-Sur Joe Zammit Ciantar.

8.5 Mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fir-rigward tal-ftehim ghal Ghajnuna Finanzjarja fir-rigward ta' Memo 10/2010 – Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-lokalitajiet 2011. Il-Kunsill accetta dan il-ftehim u qabel li ghandu jigi iffirmat.

8.6 Mit-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar fejn il-Kunsill gie infurmat li tressaq appell ghall-Applikazzjoni PA06211/08 – biex tinbena dar tax-xjuh.

8.7 Mis-Socjeta' Muzikali Madonna tal-Gilju fir-rigward ta' Seminar Nazzjonali bit-tema 'Il-Festi: Kultura u Identita'.

8.8 Minghand Emergency Response and Rescue Corps fir-rigward ta' twaqqif ta' Socjeta' Umanitarja gewwa Ghawdex.

8.9 Minghand Mission Fund fir-rigward ta' Maratona Televiziva li ser titella' il-Hadd 13 ta' Marzu.

8.10 Minghand l-Assistent Kummissarju fir-rigward ta' laqghat mall-Kunsilli Lokali.

8.11 Mill-MEPA:-
Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp PA3959/07 u PA3857/10

8.12 Minghand CareMalta fir-rigward ta' Nazzareno Vassallo Award ghall-Inizjattivi fil-kura ta' l-Anzjani.

8.13 Minghand Heritage Malta fir-rigward ta' l-attivita' Vari Processjonali tal-Festa Maltija – Ikoni Ewlenin ta' Identita' Lokali u Nazzjonali.

8.14 Minghand Cynthia Misokova fir-rigward tal-ko-finanzjament tal-Progett M323.

8.15 Minghand Amy Bajada fir-rigward ta' korsijiet ta' 'Jewellery Making'.

8.16 Mill-Gaulitana proposta li jsir kuncert gewwa l-Knisja Parrokkjali u Bazilika tal-Gharb bhala parti mill-festival Gaulitana 2011. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.17 Il-Kunsill iddiskuta t-talba ta' JCR Ltd li tintradd lilhom il-bid bond tal-offerta provvista ta' pavimentar u ssir performance bond meta jkun ser jibda x-xoghol. Il-Kunsill qabel unanimament illi l-bid bond ghandha tigi rilaxxata.

8.18 l-Kunsill iddiskuta l-proposta ta' General Soft Drinks Co. Ltd. illi l-Kunsill iservi ta' centru biex jissarrfu t-tappijiet tas-soft drinks f'vouchers. Il-GSD lesta li toffri lill-Kunsill €350 fi flus u €300 fi prodotti. Il-Kunsill filwaqt li ma jsibx oggezzjoni ghal din il-proposta konxju illi din tista' tkompli zzid il-work load fuq l-ufficju amministrattiv u ghalhekk wiehed ghandu jara kif tista' tigi mplimentata biex ma tkunx ta' piz zejjed fuq l-impjegati..

**Pagna 7 Minuti tal-24 laqgha**

8.18 Il-laqgha spiccat hin 5.15pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv